MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-5 ta' Awwissu, 2013

Appell Kriminali Numru. 329/2013

**Il-Pulizija**
**v.**
**Elaine Muscat**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-aimsemmija Elaine Muscat, detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 0204981(M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli:

(1) fil-lejl ta’ 22 ta’ Gunju 2013 ghall-habta tal-hdax u nofs ta’ filghaxija (11.30pm), fi triq l-Imradd, Ta’ Xbiex, jew f’diversi bnadi f’dawn il-Gzejjer, f’xi triq jew f’ post pubbliku jew f’xi post espost ghall-pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;
(2) fl-istess data u hinijiet kisret kundizzjonijiet tal-liberta` provizjorja mposti fuqha minn din l-Onorabbli Qorti tal-Imhallef Dr. David Scicluna LL.D. li nghatat fit-8 ta’ April 2013 u cioe` dik li kellha tkun rinkazata mit-tmienja ta’ filghaxija sat-tmienja ta’ filghodu.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmija Elaine Muscat u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmija imputata kif ukoll tordna li s-somma imposta fuqha bhala garanzija personali mposta mill-istess Qorti tghaddi favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(3) fl-istess data u hinijiet, kisret kundizzjonijiet tal-liberta` provizjorja mposta minn din il-Onorabbli Qorti ta' Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D. fis-27 ta' Mejju, 2013 u cioe` dik li kellha tkun rinkazata mid-disgha ta' filghaxija sat-tmienja ta' filghodu.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmija Elaine Muscat u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmija imputata kif ukoll tordna li s-somma imposta fuqha bhala garanzija personali mposta mill-istess Qorti tghaddi favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(4) fl-istess data u hinijiet, kisret kundizzjonijiet tal-liberta` provizjorja mposta minn din il-Onorabbli Qorti ta' Magistrat Dr. Gabriella Vella LL.D. li nghataw fl-14 ta' Marzu 2012 u cioe` dik li kellha tkun rinkazata mid-sebgha ta' filghaxija sat-tmienja ta' filghodu.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmija Elaine Muscat u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmija imputata kif ukoll tordna li s-somma imposta fuqha bhala garanzija personali mposta mill-istess Qorti tghaddi favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(5) irrendiet ruhha recidiva b'diversi sentenzi tal-Qort li issa saru definittivi u ma jistghux jinbidlu art. 49, 50 tal-Kap 9;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-26 ta' Gunju 2013 fejn dik il-Qorti, fuq l-ammissjoni ta' l-imsemmija Elaine Muscat, wara li rat l-Artikolu 7(2) tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 49, 50, 579(2) u (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-istess Elaine Muscata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u kkundannatha ghall-piena ta' disa` (9) xhur prigunerija effettiva, li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hatja ghamlet taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati

li hawn instabet hatja taghhom. Il-Qorti ordnat ir-revoka tal-helsien mill-arrest tal-hatja u l-arrest mill-gdid taghha, b’dan illi l-ammonti stabbiliti fil-helsien mill-arrest taht garanzija imposti fuq il-hatja permezz tad-digrieti moghtija rispettivament fl-14 ta’ Marzu 2012, fit-8 ta’ April 2013 u fis-27 ta’ Mejju 2013 – l-ewwel tnejn mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u tal-ahhar mill-Qorti Kriminali – m’ghandhomx jigu konfiskati favur il-Gvern ta’ Malta;
**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta’ Elaine Muscatipprezentat fit-3 ta’ Lulju 2013 fejn talbet lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha dwar ir-rejita` u dwar in-nuqqas ta’ telfien tal-garanziji jew depoziti u tbiddilha dwar il-piena billi tirriduci l-istess ghall-proporzjonijiet illi jaghmlu ghall-kaz;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni tal-Qorti; semghet il-provi; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:
**5.** L-aggravju ta’ l-appellanti huwa dwar il-piena. Hija tghid :
“L-esponenti ssottomettiet illi l-ligi taghna bl-Artikolu 579(1) tal-Kodici Kriminali, taghti gwida lill-Qrati Kriminali illi f’kaz ta’ ksur ta’ bail, tqis il-gravita` tal-ksur tal-kundizzjonijiet imposti bid-digriet taghha u ghandha tikkonsidera l-fatturi kollha.

“F’dan il-kaz l-iskop tal-bail huwa essenzjalment wiehed; illi l-persuna tidher ghal-kull att tal-prodediment. Sal-mument tas-sentenza hija ghadha prezunta innocenti minkejja l-akkuzi illi jkunu saru kontra taghha. Mela l-garanzija illi trid tinghata u anke l-kundizzjonijiet huwa biex proceduralment ma jkunx hemm hsara ghall-process kriminali illi jkun gust pero` fl-istess waqt, ma jipprivax il-persuna preventivament mill-liberta` taghha.

“Illi f’dan il-kaz il-hin tal-hrug, ghalkemm huwa kundizzjoni imposta, ma kienx ta’ gravita` tali illi jfixkel il-process.

“L-esponenti taghmel riferenza ghas-sentenza Kostituzzjonali u ghall-parti konklussiva taghha u ghad-distinzjoni illi ssir bejn l-Artikolu 579(1) u artikoli ohra tal-ligi fejn ikun hemm ksur ta’ xi kundizzjoni – John Grima

kontra l-Avukat Generali, deciza finalment fis-16 ta' Marzu, 2011 u ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea Lawrence Gatt vs Malta. Persuna illi ma toqghodx ghall-kundizzjoni illi hija biss kontorn tar-raguni principali ghall-helsien mill-arrest hija differenti minn dik illi, jew tkellem lix-xhieda jew ma tidhirx ghall-process. Fit-tieni kaz tkun qed tattakka l-process u tipperikola l-process fih innifshu.

"F'dan il-kaz certament ma kienx hekk. Ghalhekk il-piena fic-cirkostanzi kienet gravuza."

**6.** Mill-atti jirrizulta illi l-appellanti, debitament assistita, ammettiet l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghha fl-ewwel seduta mizmuma mill-ewwel Qorti, u wara li giet imwissija bil-konsegwenzi ta' tali ammissjoni u nghatat hin biex tahsibha, hija regghet ikkonfermat l-ammissjoni taghha. L-ammissjoni taghha kienet inkondizzjonata. Issa, fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kinitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat. Huwa l-kaz li jiġi sottolineat ukoll li skond il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, ammissjoni bikrija mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena.

**7.** B'referenza ghall-piena applikabbli, jirrizulta li l-piena dwar l-ewwel imputazzjoni skond l-artikolu 7(2) tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta' Malta hi dik ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sitt xhur. Fil-kaz tar-reati kontemplati fit-tieni, fit-tielet u fir-raba' imputazzjonijiet il-piena hi dik ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sitt xhur, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija jista' jiġi

konfiskat favur il-Gvern ta' Malta. Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 17(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-piena massima ta' prigunerija ghal dawn l-erba' imputazzjonijiet hija dik ta' hmistax-il xahar prigunerija. Peress illi l-appellanti ammettiet ukoll ir-recidiva, din il-piena tista' sahansitra titla' ghal tmintax-il xahar. Jigifieri l-Ewwel Qorti mponiet piena ta' prigunerija li hija fil-parametri tal-ligi. Inoltre ma mponiet l-ebda multa u specifikament iddikjarat li ma kinitx qed tordna l-konfiska ta' l-ammonti stabbiliti fit-tliet digrieti ta' helsien mill-arrest bhala garanziji.

**8.** Issa, fis-sentenza preliminari taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Tony Armando Zahra** tad-9 ta' Frar 2007, din il-Qorti kif presjeduta qalet hekk dwar il-kundizzjoni ta' rinkazar f'digriet ta' helsien mill-arrest:

**"Skond l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, il-helsien waqt pendenza tal-proceduri "jista' jkun taht kundizzjoni ta' garanziji biex jidher ghall-proceduri". Il-kundizzjoni msemmija hija kundizzjoni valida sabiex ikun hemm il-kontroll mehtieg biex jigi assigurat li l-appellant jidher ghall-proceduri peress illi tali mizura tnaqqas il-possibilita` li persuna imputata tallontana ruhha mill-pajjiz jew anke tinheba. Issir referenza wkoll ghal dak li jghidu Harris, O'Boyle u Warbrick fil-ktieb taghhom "Law of the European Convention on Human Rights":**

**"*'Article 5(3) can be read as meaning that the only conditions that can be attached to release pending trial are those relating to appearance at trial. However, it would be unsatisfactory if Article 5(3) did not allow any considerations other than appearance at trial to be taken into account when allowing bail. Such an approach might work to a person's disadvantage in that it might prevent his release altogether if, for example, a condition as to the suppression of evidence or the prevention of crime were not permissible.'***

**“Kondizzjoni bhal dik in kwistjoni fil-fatt hija legittima anke sabiex tipprevjeni li jigu kommessi reati ohrajn.**

**9.** Fil-kaz odjern il-fedina penali ta’ l-appellanti ma hi wahda xejn felici u minnha jidher, almenu *prima facie*, li nstabet hatja diversi drabi bl-istess reat kontemplat fl-ewwel imputazzjoni. Evidentement, stante l-ammissjoni taghha, hija kienet barra wara l-hin ta’ rinkazar stabbilit fit-tliet digrieti fuq imsemmija ghal skop preciz li jissarraf fi ksur tal-ligi u cioe` l-istess reat li tieghu nstabet hatja tant drabi. Is-sitwazzjoni hi ghalhekk differenti minn dik fil-kaz ta’ Tony Armando Zahra[1] li kien qieghed fuq il-bankina quddiem id-dar tieghu biex idahhal *heater* f’karozza. Anke c-cirkostanzi fil-kaz ta’ Andrea Camilleri[2] huma kompletament differenti. (Dawn huma zewg sentenzi li ghalihom irreferiet id-difiza waqt it-trattazzjoni.)

**10.** F’dan il-kaz ma jistax jinghad illi l-ksur tal-kundizzjonijiet ta’ rinkazar fi tliet digrieti separati ma ssarrafx f’konsegwenza relattivament serja. Imbaghad id-digrieti tal-Qorti, u f’dan il-kaz il-kundizzjonijiet li tahthom giet akkordata l-helsien mill-arrest u li gew accettati mill-appellanti, ghandhom jigu osservati skrupolozament u *ad litteram*, minghajr pregudizzju ghad-dritt ta’ l-imputat/a li j/titlob, kif ta’ spiss isir, biex ikun hemm xi tibdil fihom.

**11.** Kif inoltre gie diga` osservat, il-fedina penali ta’ l-appellanti ma hi xejn felici, u ghalhekk il-piena setghet korrettement tigi awmentata bi grad skond l-artikolu 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**12.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] Ara Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Tony Armando Zahra** deciz 30 ta’ Marzu 2007.

[2] Ara Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Andrea Camilleri** deciz 30 ta’ April 2013.